# Il-Ħadd 01.05.2022

1. Illum 01/05, **it-Tielet Ħadd tal-Għid**:
   - Fid-9:00am - Quddiesa ta' Ringrazzjament mill-Kan. David Farrugia fi tmiem is-servizz tiegħu fostna bħala saċerdot u Kappillan tal-parroċċa tagħna ta' Ħal Safi tul dan l-aħħar 7 snin u 10 xhur. Inħeġġiġkom tattendu din ċ-ċelebrazzjoni, waqt li nwiegħduh ukoll it-talb tagħna biex ikompli jaqdi b'ferħ u fedeltà il-missjoni ġdida li ġiet afdata lilu f'Ħad-Dingli.
2. It-Tnejn 02/05:
   - Fis-7:15pm - Laqgħa għall-Ġenituri ta' dawk it-tfal li se jirċievu s-Sagrament tal-Ewwel Tqarbina din is-sena, fil-Knisja Parrokkjali.
3. Il-Ġimgħa 06/05, **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**:
   - Filgħodu - Tqarbin tal-Morda.
   - Fis-5:45pm - Qrar.
   - Fis-6:30pm - Quddiesa.
   - Fis-7:00pm - Adorazzjoni li tintemm bil-Barka Sagramentali.
4. Is-Sibt 07/05:
   *Fil-Parroċċa tagħna niċċelebraw it-Tifkira antiċipata tal-Madonna ta' Pompej:*
   - Fil-11:15am - Rużarju.
   - Fil-11:30am - Quddiesa li tagħlaq bis-Supplika lill-Madonna u tingħata il-Barka Sagramentali.
5. Il-Ħadd 08/05, **ir-Raba' Ħadd tal-Għid – Jum il-Karità u Jum il-Vokazzjonijiet – *Jum l-Omm***:
   - Fis-6:00pm - Quddiesa fiċ-Ċimiterju *(u mhux fil-knisja parrokkjali)*.
6. Avviżi oħra:
   - Mill-Ġimgħa 06/05, b'rabta ma' Jum l-Omm, ser ikollna xi ortensji għall-bejgħ, flimkien ma' lotterija b'risq il-knisja.
7. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 170 bħala ġabra tal-Ħadd li għadda;
   - € 90 bħala donazzjoni b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.
     Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn is-**Sanitizing Points, illum jgħoddu bħala ġabra speċjali b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.** Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.